## QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, it-Tlieta erbgħa (4) ta' Gunju 2024

Kawża Nru 432/2023

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Bernard Charles Spiteri)**

vs

**Jason Curmi**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Jason Curmi,** iben Joseph u Felicia nee Bugeja imwieled fis-sittax (16) ta' Frar 1974 fir-Rabat Ghawdex u resident "Solange" Triq Ta' Cenc, Sannat, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita 6674(G) fejn ġie akkużat talli nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju 2023 għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħaxija (21.30hrs) u

fil-ġimghat ta' qabel, ġewwa Sannat Għawdex kif ukoll f'postijiet oħra ġewwa l-Gżejjer Maltin:

(1) bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Sannat, Għawdex, mhux aktar tard minn jumejn tax-xogħol minn meta rċieva applikazzjoni għal wirja pubblika, esibizzjoni, xi logħob żgħir, fiera, tombla jew divertiment pubbliku jew attivita' simili oħra f'xi triq f'xi lokalita' f'xi ġurnata jew ġranet speċjali jew speċifiċi, u f'kull każ mhux aktar tard minn ġimgħatejn qabel il-ġurnata skond il-każ, naqas li jgħaddi kopja tal-applikazzjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija;[1]

(2) u aktar talli fl-istess ċirkostanzi, bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Sannat, Għawdex, meta ħareġ il-permess għal wirja pubblika, esibizzjoni, xi logħob żgħir, fiera, tombla jew divertiment pubbliku jew attivita' simili oħra f'xi triq f'xi lokalita' f'xi ġurnata jew ġranet speċjali jew speċifiċi, naqas li jehmeż miegħu kundizzjonijiet marbuta ma' dan l-istess permess kif notifikati lill-Kunsill Lokali mill-Kummissarju tal-Pulizija.[2]

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri

[1] Regolament 11(3) Leġislazzjoni Sussidjarja 441.04.
[2] Regolament 11(3) Leġislazzjoni Sussidjarja 441.04.

maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiża jiddikjaraw fis-seduta tas-sebgħa (7) ta' Marzu 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura inkluż wkoll ix-xhieda li iddeponew quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li xehdu quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fattispeċie tal-każ huma s-segwenti: l-Għaqda tan-Nar 20 ta' Lulju tar-raħal ta' Sannat talbet lill-Kunsill Lokali Sannat għall-permess sabiex jkunu jistgħu jitqiegħdu imwejjed u siġġijiet fi Triq it-Tmienja u Għoxrin (28) ta' April 1688. Dan waqt attivitita li kienet pjanata li issir nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju 2023 bejn l-erba' ta' wara nofsinhar (16.00hrs) u l-ħdax u disgħa u ħamsin minuta ta' filgħaxija (23.59hrs). Abbażi ta' dan il-permess, l-organizzaturi għamlu BBQ f'din l-istess triq. Dan waqt li kien qed jittella' n-nar fl-okkażżjoni tal-festa tal-Munxar. Is-

sit fejn sar dan il-BBQ jiġi adjaċenti għal buffer zone li trid tiġi rispettata meta jkun qed jinħaraq nar b'rabta ma' xi festa. Ġara li waqt li kien qed isir dan il-BBQ, nar mill-festa tal-Munxar waqa' fiż-żona fejn kien qed isir il-BBQ u żewġ persuni li kienu preżenti għal BBQ weġġgħu b'mod ħafif. In segwitu għal dan l-inċident, il-Pulizija ħadu passi kriminali kontra l-persuna li kien qed jaħraq dan in-nar għall-festa tal-Munxar kif wkoll passi legali kontra s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Sannat għaliex fil-fehma tal-Pulizija, l-istess Segretarju Eżekuttiv naqas li jottjeni n-no objection tal-Pulizija qabel inħarġu dawn il-permessi għall-attivita li saret f' Ta' Sannat. Quddiemha l-Qorti illum għandha l-każ tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Sannat.

Ikkunsidrat;

L-akkużat – li fiż-żmien li għalih jirreferu l-akkużi odjerni kien Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Sannat – qiegħed jiġi akkużat li kiser ir-regolament 11(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.04 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-Qorti tirrileva li minn eżami tal-iskeda tal-Kap. 291, l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, jirriżulta li fit-termini ta' dan l-Att u l-iskeda tiegħu l-infrazzjonijiet kollha ta' regolamenti stabbiliti fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.04 **mingħajr l-ebda eċċezzjoni** għandhom jinstemgħu u jiġu deċiżi mill-Kummissarju għall-Ġustizzja u mhux mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Il-Qorti tal-

Maġistrati (Għawdex) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jistgħu biss jisimgħu appelli/ritrattazzjonijiet mid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Kummissarju għall-Ġustizzja kompetenti b'rabta ma' dawn l-infrazzjonijiet a tenur tal-artikolu 11 u 11A tal-Kap. 291. **<u>Dan huwa speċifikat iswed fuq l-abjad fl-artikolu 3(3) tal-Kap. 291 fejn jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati ma jkollhiex ġurisdizzjoni dwar reati imniżżlin fl-iskeda</u>**. Fit-taħrika tal-kawża tal-Pulizija m'hemm l-ebda reat ieħor li huwa ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u li abbażi tiegħu din il-Qorti tista' tieħu konjizzjoni ta' dawn l-akkużi hekk kif jippermetti l-proviso għall-istess artikolu 3(3) tal-Kap. 291. Dan għalhekk ifisser li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar l-akkużi li qegħdin jiġu addebitati lill-akkużat.

Huwa minnu li d-difiża ma qajmitx din l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni; pero din il-Qorti tqis li għandha tqajjem din l-eċċezzjoni *ex officio* peress li tqis li din hija materja ta' ordni pubbliku. Din il-Qorti ma tqisx li tista' tiddeċiedi materja meta l-istess Kap. 291 qed jeskludi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti.

Il-Qorti tqis wkoll li bil-liġi kif attwalment hi, hija m'għandhiex il-poter biex tordna lir-Reġistratur tagħha sabiex jibgħat l-atti lir-Reġistratur tat-Tribunal Lokali presedut mill-Kummissarju għall-Ġustizzja sabiex jieħu konjizzjoni ta' din il-kawża. Allura hija bil-fors trid tiddikjara li m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi l-akkużi mertu ta' din il-kawża u li per konsegwenza hija sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħhom.

Il-Prosekuzzjoni imbagħad għandha tirregola ruħha kif l-aħjar li jidhrilha hi.

- **Decide**

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 3(1), 3(3), 5(1) u l-Iskeda tal-Kap. 291 qiegħda tiddikjara li hija m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi l-akkużi mertu ta' dawn il-proċeduri u qiegħda għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħhom.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja
Għar-Reġistratur